**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta' Novembru, 2018**

**Rikors nru: 269/2009 MLF**

**Eden Leisure Group Limited**

**Vs**

**Mario Camilleri f'ismu proprju u kif eżerċenti in-negozju bl-isem Production Event Services**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjeta' attriċi li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas s-somma ta' €8,754.47, rappreżentanti ammont bilanċjali lilha dovut *stante* li huma naqsu li jirritornaw lura lis-soċjeta' attriċi l-Eden Area sa nhar is-Sibt 18 ta' Frar 2006 f'nofsinhar, kif kienu obbligati li jagħmlu ai termini ta' klawsola numru wieħed (1) tal-ftehim datat 16 ta' Jannar 2006, u minflok irritornawha lura fl-20 ta' Frar 2006. Skond l-istess soċjeta' attriċi dan l-ammont huwa għalhekk dovut ai termini ta' klawsola numru tnejn (2) tal-iskrittura privata annessa mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta tal-konvenut Mario Camilleri fejn eccepixxa:

1. Illi l-konvenut m'huwiex il-leġittimu kontradittur *stante* li ffirma l-kuntratt fil-kapaċita' tiegħu ta' direttur u għan-nom ta' International Trading Company (ITC) Limited;

2. Illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li s-soċjeta' attriċi qegħdha tippretendi l-ħlas ta' €8,754.47 (tmint'elef seba' mija erbgħa u ħamsin ewro u sebgħa u erbgħin ewro ċenteżmu) liema ammont m'huwiex dovut mill-konvenut *stante* is-segwenti fatti:

   (a) Illi nhar it-18 ta' Jannar 2006 sar kuntratt fejn fuqu deheru l-konvenut għal-I.T.C. Ltd u Simon De Cesare għas-soċjeta' attriċi, fejn il-partijiet ftehmu illi s-soċjeta' attriċi tagħti d-dritt għall-użu għall-kunċert fl-Eden Arena nhar is-17 ta' Frar 2006;

   (b) Illi skond klawsola 2.2 tal-ftehim ingħad illi jekk il-konvenut ma jirritornax l-Arena sas-Sibt 18 ta' Frar 2006 f'nofsinhar, fl-istat kif kien inizjalment qabel li sar il-kunċert, mela l-konvenut jkollu jħallas ammont ta' Lm300 ekwivalenti għal sitt mija u disgħa u disgħin Euro (€699) sat-tmienja ta' fil-għaxija tas-Sibt 18 ta' Frar talli l-Arena tkun għadha okkupata;

   (ċ) Illi, minn fuq, klawsola 2.2 tkompli tipprovdi illi jekk ikun hemm xi dewmien ieħor da parti tal-konvenut, dan għandu jħallas ammont ta' Lm1,500 ekwivalenti għal tlett elef, erba' mija u ħamsa u disgħin Euro (€3495) u VAT f'rati kwotidjani;

   (d) Illi l-konvenut kien żgombra maġġor parti ta' l-*equipment* li kien ġie wżat għall-kunċert sal-lejl tal-Ġimgħa 17 ta' Frar 2006, tant illi kull ma kien fadal kienu xi *trusses*, *dustbins* u xi aluminju. Dan ma ġewx żgumbrati għaliex is-soċjeta' attriċi riedet tagħlaq il-post u saqsiet lill-konvenut u l-ħaddiema tiegħu biex jirritornaw l-għada cioe' is-Sibt. Għalhekk, l-konvenut u xi ħaddiema kienu sfurzati jkomplu l-iżgombru totali l-ġurnata ta' wara. Fil-fatt hekk għamlu meta ltaqgħu s-Sibt 18 ta' Frar meta l-konvenut u l-ħaddiema kienu lesti bil-makkinarju u l-għodda biex jneħħu kollox sa' ma jagħlaq it-terminu tal-ftehim;

   (e) Illi lanqas dak in-nhar tas-Sibt l-iżgombru totali ma setgħax isir minħabba illi s-soċjeta' attriċi damet sabiex tiftaħ fil-għodu u riedet tagħlaq ftit siegħat wara. Is-

soċjeta' attriċi nfurmat lill-konvenut u l-ħaddiema tiegħu biex jkomplu jiżgumbraw l-Arena it-Tnejn 20 ta' Frar għax ma kienux ħa jiftħu l-Arena il-Ħadd 19 ta' Frar għax ma jkun hemm ħadd li kien ser ikun disponibbli li jiftaħ il-post;

(f) Illi minkejja l-oġġezzjoni tal-konvenut illi jiżgombra l-*equipment* jumejn wara illi kien miftiehem, is-soċjeta' attriċi xorta ma ħallitx illi l-iżgombru jsir b'tali mod illi ma tapplikax klawsola 2.2 tal-ftehim u għalhekk minħabba tali negliġenza da parti tas-soċjeta' attriċi, l-konvenut kellu jsofri d-danni kif stipulati f'dawn il-klawsoli tal-ftehim.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ppreżentati;

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2010, Dottor Cedric Mifsud ghall-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.[1]

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament preseduta) fit-28 ta' April, 2011, fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u iddikjarat li m'ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u konsegwentement illiberatu mill-osservanza tal-gudizziju.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-30 ta' Novembru 2011 fejn laqghet l-appell interpost mis-socjeta appellant Eden Leisure Group Limited u hassret, annullat u irrevokata is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament preseduta) tat-28 ta' April 2011, u irrimandat u irrinvijat l-atti lura lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi l-kaz skond il-ligi. Il-Qorti tal-Appell irriservat l-ispejjez ta' din id-decizjoni ghas-sentenza finali.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:

[1] Ara fol. 11 tal-process.

1. Bi skrittura ta' lokazzjoni tas-16 ta' Jannar 2006, is-socjeta attrici kriet lill-konvenut f'ismu proprju kif ukoll bhala rapprezentant ta' Production Event Services, il-fond maghruf bhala "Eden Arena" sabiex fih torganizza kuncert fis-17 ta' Frar 2006 bejn it-8.30p.m. u nofs-il lejl. Il-konvenut kellu jiehu pussess tal-fond il-Hamis 16 ta' Frar fit-8.00a.m. u jirritornah lis-socjeta attrici s-Sibt 18 ta' Frar f'12.00pm.[2]

2. Klawsola numru 2.2 ta' din l-iskrittura tippreskrivi hekk:
   "*2) In the case that the operator does not return the venue on as was basis* (sic) *to the Company by 12.00 on Saturday 18th February 2006, then a further charge of Lm300 will apply until 8 pm of the same day. Further delays will result in the daily rates charge to Operator of Lm 1,500 plus VAT payable on presentation of invoice*." [3]

3. Mhux kontestat li l-konvenut ma tax il-pussess lura tal-fond lis-soċjeta' attriċi fit-18 ta' Frar 2006 f'nofs-in-nhar, iżda dan il-pussess ingħata lura lilha fl-20 ta' Frar 2006 xi hin wara l-4.30p.m.

4. Is-socjeta attrici fethet dawn il-proceduri sabiex il-konvenut ihallasha l-ammont minnu dovut stante li naqas li jirritorna l-fond lilu mikri fit-terminu lilu preskritt.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti ser tastjeni milli tikkunsidra l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut, stante li din giet iritirata minnu fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2006 kif fuq inghad. Konsegwentement, din il-Qorti se tikkunsidra direttament il-meritu tal-vertenza.

Il-Qorti tosserva li ghalkemm fir-rikors promotur, is-soċjeta' attriċi tghid li qed tippretendi l-ħlas ta' l-ammont ta' €8,754.47 mingħand il-konvenut, bhala "extra rental charge" talli irritorna l-fond tard, Simon DeCesare, general manager tas-socjeta attrici, jirrizulta li din is-somma tkopri mhux biss l-"extra rental charge" izda wkoll il-konsum tal-elettriku zejjed mit-18 ta' Frar 2006 sal-20 ta' Frar 2006, kif ukoll il-hlas ta' uzu ta' numru ta' siggijiet iktar

[2] Ara fols 2 sa 4 tal-proċess.
[3] Ara fol 2 tal-proċess.

minn dak pattwit, u dan kif jirrizulta mill-ittra mibghuta minnu lill-konvenut fil-21 ta' Frar 2006, fejn fiha elenku tal-*extra charges* li kienet qed tippretendi s-socjeta attrici.[4]

Fir-risposta tieghu ghar-rikors promotur, u matul dawn il-proceduri, il-konvenut ma ikkontestax l-ammont pretiz ghall-konsum ta' elettriku u l-kiri ta' siggijiet extra, pero ikkuntesta l-ammont pretiz ghal kera extra tal-fond ghal perjodu mis-Sibt 18 ta' Frar f'nofs-in-nhar sat-Tnejn 20 ta' Frar 2006.

Il-konvenut mhux jikkontesta li effettivament huwa ta lura l-fond lis-socjeta attrici fl-20 ta' Frar 2006 – u ghalhekk mhux kif pattwit fl-iskrittura ta' bejn il-kontendenti – pero huwa jissottometti li bl-agir taghha is-socjeta attrici ghamlitha impossibbli ghalih li jirritorna l-fond fit-terminu pattwit fl-iskrittura, u ghalhekk ma kellhix tapplika klawsola 2.2 tal-iskrittura li tikkontempla l-hlas extra ta' kera f'kaz ta' dewmien fl-ghoti lura tal-fond.

Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-iskrittura ta' lokazzjoni *de* quo ma tistipulax il-hinijiet li fihom s-socjeta attrici kellha taghti lill-konvenut access ghall-fond sabiex ikun jista' jzarma l-armar li ntuza ghall-kuncert u jnaddaf l-istess fond. Dan qed jinghad, ghaliex mill-provi jirrizulta li ghalkemm il-fond gie mikri lill-konvenut ghal terminu stabbilit, hu ma inghatax ic-cwievet ghall-istess fond, u dawn ic-cwievet baqghu fil-pussess tas-socjeta attrici, u ghalhekk il-konvenut kien jiddependi fuq is-socjeta attrici biex ikollu access ghall-fond, anke tul il-perjodu li l-fond kien mikri lilu.

Hemm kunflitt fil-versjonijiet tal-kontendenti dwar il-hinijiet li fihom il-fond kien disponibbli ghall-konvenut sabiex izarma l-affarijiet u jirritornah nadif lis-socjeta attrici.

Walter Frendo, ic-Chief Security Officer tas-socjeta attrici xehed li fit-18 ta' Frar 2018 hu kien xoghol sas-1.00a.m. tas-Sibt, u wara l-kuncert beda l-process taz-zarmar tal-armar u tad-dawl, u jghid li dan il-process waqaf fis-siegha neqsin kwart ta' fil-ghodu. Mix-xhieda tieghu mhux car meta dahal xoghol is-Sibt, ghax fit-traskrizzjoni jghid li dahal xoghol fis-siegha ta' fil-ghodu, li ovvjament ma jaghmilx sens. Pero jghid li is-Sibt fil-ghodu l-konvenut u/jew in-nies tieghu ma gewx, u li kien biss is-Sibt wara nofs in-nhar li gie l-konvenut b'xi *cleaners* mieghu. Huwa xehed li l-konvenut gie jigbor il-*cleaners* ftit qabel it-8.00p.m. Walter Frendo

[4] Ara Dok RS a fol. 14 tal-process.

xehed li fil-gurnata tal-Hadd ma dahalx xoghol u li l-gurnata tat-Tnejn jidhlu xoghol in-nies li jiehdu hsieb l-fond il-kwistjoni. In kontro-ezami huwa cahad li huwa qal lill-haddiema inkarigati mill-konvenut biex johorgu ghax kellu bzonn jitlaq, u li l-konvenut talbu biex jifthilhom il-Hadd.

Christopher Gatt, il-Head of Maintenance tas-socjeta attrici xehed li meta dahal ghax-xoghol it-Tnejn 20 ta' Frar kien fetah il-fond in kwistjoni fit-8.00a.m. biex ikompli it-tindif u iz-zarmar tal-armar u jghid li sakemm spicca s-shift tieghu u cioe fl-4.30pm, il-process kien ghadu ghaddej. Peress li spicca s-shift tieghu, saru arrangamenti biex is-security officer tal-car park tas-socjeta attrici jaghlaq il-fond in kwistjoni.

Simon DeCesare, General Manager tas-socjeta attrici, xehed li l-konvenut qatt ma cempillu biex jiftah il-fond in kwistjoni biex hu u l-haddiema tieghu ikunu jistghu izarmaw u jnaddfu.

Il-konvenut Mario Camilleri xehed li huma bdew izarmaw immedjatament kif spicca l-kuncert, u kulma hallew kienu xi *trusses, dustbins* u aluminju. Huwa qal li hu u l-haddiema tieghu kienu lesti li jkomplu jahdmu l-lejl kollu biex jizgumbraw kollox, imma l-Ufficjal tas-Security – li in kontro-ezami ma ftakarx x'kien jismu, pero qal li wiehed kien hemm – kien qalilhom biex jitilqu u jirritornaw l-ghada, ghax ried jaghlaq il-fond u jitlaq, peress li l-ghada kien rega' jmissu xoghol, u ma riedx idum sat-tard. Huwa xehed ukoll li *"is-security personal qalilna li l-principal tieghu kienu kkoncedulna li l-Arena tigi vakata sat-Tnejn 20 ta' Frar."* Pero jghid ukoll li huma telqu circa l-erbgha ta' fil-ghodu tas-Sibt.

Il-konvenut kompla jixhed li s-Sibt fil-ghodu fethulhom circa xi 9.30a.m. jew l-10.00a.m. u kellhom jieqfu fis-7.00pm, ghax id-*door keeper tas-cinema* li kien maghhom qalilhom li fis-7.00pm kellu jaghlaq u setghu imorru jkomplu t-Tnejn 20 ta' Frar, ghax l-ghada l-Hadd ma kien se jkun hemm hadd disponibbli mill-impjegati tas-socjeta attrici biex jiftah il-fond in kwistjoni. Il-konvenut jghid hekk *"Dan niftakar sew li qalulna, u kont fhimt li bil-mod kif qalulna kien mibghut jghidilna hekk, u kien qed jitkellem f'isem il-kumpanija u ghalhekk ma kkuntatjajnix lis-Segretarju tal-Eden Leisure Group biex jikkonfermalna dan, izda hadna li qal talli hu."* Imbaghad ikompli jghid li t-Tnejn 20 ta' Frar *"sa fl-ahhar zgumbrajna kull equipment li kien fadal minn fuq il-post."* Huwa jghid li ghalkemm il-Gimgha wara l-kuncert,

il-*cleaners* tieghu kienu diga naddfu kollox, wara li nehhew kollox it-Tnejn, hu b'gest komplimentarju rega' gab xi *cleaners* sabiex inaddfu l-fond ghat-tieni darba.[5]

Adrian Pagallo, li jahdem mal-konvenut, in sostanza ikkorrobora ix-xhieda tal-konvenut.

Joseph Degiorgio, amministratur ta' Mr Clean Cleaning Contracts, li gie mqabbad mill-konvenut biex inaddaf il-fond in kwistjoni, xehed li x-xoghol ta' tindif beda wara li spicca l-kuncert ghal habta tas-1.00a.m. jew is-1.30a.m. u waqfu fl-4.00a.m., ghax ir-rapprezentant tas-socjeta attrici ried jaghlaq il-fond. Jghid li kien sar ftehim biex imorru l-ghada fis-7.00a.m., pero meta marru fuq il-post sabuh maghluq, u damu jistennew sat-8.30a.m. Pero imbaghad kellhom jitilqu ghax kellhom xoghol iehor ippjanat, u komplew it-tindif it-Tnejn fil-ghodu.

Mario Caruana li kien inkarigat biex jiehu hsieb l-armar tad-dawl ghall-kuncert in kwistjoni, in sostanza jikkorroborra x-xhieda tal-konvenut. Pero dan ix-xhud jikkontradici lilu nnifsu ghal l-ewwel jghid li s-Sibt setghu jibqghu jahdmu sas-1.00pm., imbaghad jikkonkludi l-affidavit tieghu hekk *"Nippreciza li ukoll li jiena, il-haddiema tal-ITC kif ukoll dawk extra kienu ikkuntrattjati biex jahdmu il-lejl kollu sal-ghada fil-ghodu sat-tmienja. Dan ix-xoghol ma setax ikompli wara it-tmienja ta' fil-ghodu peress li kellna xoghol x'imkien iehor."*[6]

Mix-xhieda tal-konvenut u tax-xhieda prodotti minnu, jirrizulta car mill-provi li għalkemm huwa minnu li s-soċjeta' attriċi ma pprovdietx l-aċċess, il-konvenut jghid li talab għall-fond in kwistjoni bejn l-4.00a.m. u l-10.00a.m. tas-Sibt 18 ta' Frar 2006 – u cioe ghal sitt (6) sighat - anke li kieku dan l-aċċess ġie provdut lill-konvenut, il-konvenut xorta waħda ma kienx jirnexxielu jiżgombra l-armar u d-dawl kollu u jnaddaf il-post kollu sa nofsinhar ta' l-istess ġurnata. Fil-fatt il-konvenut xehed li s-Sibt hadmu bejn l-10.00a.m. u s-7.00pm, cioe 9 sieghat, u skond ix-xhieda mhux kontradetta ta' Christopher Gatt, it-Tnejn, il-konvenut u l-haddiema tieghu hadmu mit-8.00a.m. sa wara l-4.30pm.

Fl-iskrittura *de quo*, is-socjeta attrici ma obbligatx ruhha li taghti access lill-konvenut ghall-fond in kwistjoni tul il-lejl kollu bejn il-Gimgha u s-Sibt, kif ukoll il-gurnata tal-Hadd.

---

[5] Ara fol. 32 tal-process.
[6] Ara fol. 46 tal-process.

Huwa ovvju li l-konvenut ikkalkula hazin il-hin li kellu bzonn biex izarma u jizgombra l-apparat kollu rikjest ghall-kuncert u jnaddaf l-istess fond. Il-Qorti tosserva wkoll li Joseph Degiorgio mkien ma jghid fix-xhieda tieghu li t-tindif li sar it-Tnejn, sar b'mod komplimentari ghax kienu lestew kollox il-Gimgha bil-lejl. Il-fatt li l-konvenut stess jammetti li t-Tnejn kien fadlilhom jnehhu xi armar iehor, awtomatikament jirrendi inverosimili l-versjoni tieghu li t-tindif li sar it-Tnejn kien gest kumplimentari.

Inoltre, mix-xhieda tal-konvenut stess jirrizulta li huwa assuma li l-impjegat tas-socjeta attrici kien qed ikellmu f'isem is-socjeta attrici meta qallu li seta' jkompli t-Tnejn, u ma ndenjax ruhu jikkonferma mar-rapprezentanti legali tas-socjeta attrici li dan seta' jaghmlu minghajr ma jinkorri l-ispejjez tal-kera addizzjonali. Fi kwalunkwe kaz, lanqas mix-xhieda tieghu ma jirrizulta li dan l-impjegat qallu li dan seta' jaghmlu minghajr ma jinkorri dawn l-ispejjez. Il-konvenut xehed li fil-lejl bejn il-Gimgha u s-Sibt kien ikkuntattja lil Ian DeCesare – ghalkemm dan ma giex ingunt bhala xhud – pero jidher li dan gie ikkuntattjat biss ghal fini li jissostitwixxi *s-security officer* li kien hemm, u mhix xhieda tal-konvenut ma jirrizultax li sar xi diskors rigward l-ispejjez tal-kera addizzjonali.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, it-talba tas-socjeta attrici ghal kera addizzjonali hija gustifikata.

**Konklużjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, *stante* li din ġiet irtirata mill-istess konvenut fil-mori ta' dawn il-proceduri;

2. Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut, u tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmint elef, seba' mija u erba' u hamsin Euro u seba' u erbghin centezmu (€8,754.47), bl-imghax legali mill-20 ta' Frar 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

3. L-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk tas-sentenza ta’ din il-Qorti (diversament preseduta) tat-28 t’April 2011 kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) tat-30 ta’ Novembru 2011 ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Maġistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Reġistratur**